# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, il-Ħamis, 22 ta' Frar, 2024**

**Kawża Numru 3 (Kost.)**

**Rik. Nru. 103/14JRM**

Isabelle **AZZOPARDI**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI** in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, u b'digriet tat-30 ta' Jannar, 2020[1], il-kliem "Avukat tal-Istat" kellhom jidħlu minflok il-kliem "Avukat Ġenerali"; u Bank of Valletta p.l.c. (C – 2833)

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fid-19 ta' Diċembru, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti (i) tagħti l-

[1] Paġ. 650 tal-proċess

ordnijiet, toħroġ l-atti u tagħti d-direttivi li jidhrilha xierqa biex twettaq jew tiżgura l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tagħha; (ii) issib li hija ġarrbet diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol tagħha mal-Bank intimat kemm (a) bejn impjegati nisa u dawk irġiel u (b) kif ukoll bit-trattament ta' impjegati nisa bejniethom, u dan bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u kif ukoll tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); (iii) issib li l-miżura tal-Bank intimat li impjegati nisa kienu mġegħlin jirriżenjaw mill-impieg mad-data taż-żwieġ tagħhom kienet waħda diskriminatorja fuq bażi ta' sess, u għalhekk tħassarha bħala nulla u mingħajr effett fir-rigward tar-rikorrenti biss; (iv) issib li hija ġarrbet ksur separat tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; (v) issib li hija ġarrbet ukoll ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni; (vi) tillikwida somma, li tirrappreżenta t-telf fi flus li hija ġarrbet minħabba dak li ssemma, magħduda danni pekunjarji u danni mhux pekunjarji, u dan bħala kumpens xieraq għall-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha; u (vi) tikkundanna lill-intimati separatament iħallsuha l-kumpens hekk likwidat. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Diċembru, 2014, li bih ordnat in-notifika lill-intimati u qiegħdet il-kawża għas-smigħ tal-21 ta' Jannar, 2015;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern ta' Malta fl-20 ta' Jannar, 2015, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti jew mal-pretensjonijiet tagħha u għalhekk ma jweġibx hu għalihom; li mhuwiex f'qagħda li jaf il-fatti li dwarhom tilminta r-rikorrenti ladarba dawn jirrigwardaw l-impieg tagħha ma' Bank privat; li r-rikorrenti naqset li tieħu l-miżuri ordinarji quddiem il-Qrati biex tattakka f'waqthom l-għemejjel tal-Bank li miegħu kienet taħdem, u għalhekk il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; li safejn l-ilmenti tar-rikorrenti jolqtu kwestjonijiet li nqalgħu fil-kors tal-impieg tagħha, tonqos f'din il-Qorti s-setgħa li tisma' l-kawża *ratione materiae* billi dawk il-kwestjonijiet jaqgħu fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali; u li l-ilmenti tar-rikorrenti ma jistgħux jitqiesu minn din il-Qorti skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba l-imsemmija lmenti jintrabtu maċ-ċirkostanza taż-żwieġ tagħha li seħħ qabel ma l-Konvenzjoni kienet daħlet fis-seħħ f'Malta f'Mejju tal-1987. Fil-mertu, laqa' billi ċaħad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt billi (i) l-Istat fl-ebda waqt ma ħaddem xi miżura leġislativa li kienet tobbliga lil nisa impjegati mal-Gvern biex jirriżenjaw mix-xogħol malli jiżżewġu, u għalhekk ma wettaq l-ebda għemil diskriminatorju bi ħsara għar-rikorrenti; (ii) b'hekk lanqas ma qatt

ċaħħadha mill-jedd tagħha għat-tgawdija paċifika ta' ħwejjiġha; (iii) ċaħad li l-Istat Malti kien jaħti b'xi mod ta' trattament inuman jew degradanti fil-konfront tagħha. Għalhekk, l-intimat laqa' billi qal li r-rikorrenti ma ġarrbet l-ebda ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha minn taħt idejh. Temm jgħid li, f'kull każ, jekk kemm-il darba l-Qorti kellha ssib li r-rikorrenti tabilħaqq ġarrbet ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha, kull kumpens lilha dovut imissu jkun biss wieħed morali, ladarba għal dak li jirrigwarda kumpens materjali r-rikorrenti kellha u setgħet tinqeda minn "rimedji ordinarji, prattiċi, effettivi u effikaċi" oħrajn. Dwar il-kumpens morali, l-intimat eċċipjent qal li dan għandu jieħu qies ukoll tal-fatt li r-rikorrenti "damet snin sħaħ biex bdiet dawn il-proċeduri";

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Bank of Valletta fl-20 ta' Jannar, 2015, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li r-rikorrenti kellha rimedji ordinarji li nqdiet bihom u nstab li ma kellhiex raġun fl-ilmenti tagħha wkoll dwar allegata diskriminazzjoni, filwaqt li naqset li tieħu rimedji ordinarji oħrajn li kellha dwar l-ilmenti l-oħrajn; li tonqos fil-Qorti s-setgħa *ratione materiae* li tqis it-tieni talba tar-rikorrenti, ladarba kwestjoni ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol taqa' fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali; u li, safejn il-fatti li minnhom tilminta r-rikorrenti jmorru għal żmien qabel id-dħul fis-seħħ f'Malta tal-Konvenzjoni, l-azzjoni ma tistax triegi skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqa' billi qal li "għandu jirriżulta f'dawn il-proċeduri, huwa manifest li d-drittijiet tar-rikorrenti, senjatament dawk sanċiti fl-Artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta msemmija fir-rikors promotur, qatt ma ġew leżi fil-konfront tar-rikorrenti". Fisser dan billi qal li l-għażla tar-rikorrenti li tieqaf taħdem mal-Bank malli żżewġet kienet għażla li hija ħadet minn jeddha u bla ma kienet imġiegħla, wara li kienet aċċettat l-impieg tagħha bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol magħrufin sewwa minnha u li kienu jgħoddu għall-impjegati l-oħrajn kollha tal-Bank u wkoll li, malli wettqet dik l-għażla, kienet saħansitra ibbenefikat minn gratifikazzjoni b'għarfien tas-snin ta' servizz li kienet tat sa dakinhar. Żied jgħid li kull prattika ta' xogħol li ħaddem f'dak iż-żmien kienet waħda "kostanti u komuni fil-ħajja lavorattiva Maltija bbażata fuq il-politika soċjali viġenti u applikabbli ugwalment għall-ħaddiema kollha" tiegħu. Ċaħad li r-rikorrenti ġarrbet "*cascading financial losses*" minħabba l-qtugħ ta' servizz kontinwu miegħu minħabba r-riżenja tagħha u sa ma reġgħet daħlet taħdem mal-Bank, u dan għaliex għal dan il-qtugħ kienet taħti l-istess rikorrenti li damet żmien twil ittella' u tniżżel biex twieġeb għas-sejħat tal-Bank li terġa' tidħol lura għax-xogħol u għaliex, għal xi żmien, kienet impjegat ruħha ma' ħaddieħor. Ċaħad li qatt mexa b'xi mod diskriminatorju magħha. Dwar it-telf ta' dħul, ċaħad li kien ċaħħadha minn promozzjoni fil-waqt u li xi tnax-il (12) sena qabel ma kellha tirtira bl-età kienet għażlet li tirtira qabel iż-żmien bi ftehim magħmul bejnha u l-Bank taħt skema ta' rtirar kmieni bil-

benefiċċji kollha li ġġib magħha u bla ma qatt ippruvat twaqqa' jew tattakka dak il-ftehim. Temm jgħid li l-Qorti jmissha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontriha, u żamm sħiħ il-jedd li jressaq eċċezzjonijiet oħrajn;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tad-9 ta' Mejju, 2017[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali (fil-paragrafi "iii", "iv" u "v" tagħha) u l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-Bank intimat, u ordnat it-tkomplija tas-smigħ tal-kawża dwar l-ilmenti tar-rikorrenti fil-mertu;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit u kif ukoll bil-provi dokumentali u kif ukoll dik mogħtija fil-kontro-eżami;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fit-8 ta' Ġunju, 2016[3], dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mqajmin minnu;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Bank of Valletta fit-13 ta' Ġunju, 2016[4], dwar l-eċċezzjonijiet imqajmin minnu;

Rat iż-żewġ Noti ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fit-30 ta' Awwissu, 2016, bi tweġiba għal dik tal-Bank intimat[5] u għal dik tal-intimat Avukat Ġenerali[6] rispettivament;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' April, 2023[7], li bih iddikjarat li kien ingħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fil-21 ta' Ġunju, 2023[8];

[2] Paġ. 15 tal-proċess
[3] Paġġ. 81 – 91 tal-proċess
[4] Paġġ. 92 sa 106 tal-proċess
[5] Paġġ. 112 – 9 tal-proċess
[6] Paġġ. 130 sa 141 tal-proċess
[7] Paġ. 1012 tal-proċess
[8] Paġġ. 1018 sa 1098 tal-proċess

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Avukat tal-Istat fit-30 ta’ Awwissu, 2023[9], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Bank of Valletta plc fis-7 ta’ Settembru, 2023[10], ukoll bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri bil-fomm tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta’ Ottubru, 2023, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta’ jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti tilminta li, matul iż-żmien li hija kienet taħdem mal-Bank intimat (minn issa ’l hemm imsejjaħ “BOV”), ġarrbet ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha li ma tkunx suġġetta għal trattament diskriminatorju u li tgawdi l-possedimenti tagħha bla ndħil u kif ukoll li ma ġġarrabx trattament inuman u degradanti. Tgħid li dan ġara minħabba li, meta għażlet li tiżżewweġ, kellha tħalli l-impieg tagħha sewwasew għaliex għażlet dak l-istat u tgħid li din il-kundizzjoni ma kenitx tgħodd meta impjegat raġel tal-istess BOV kien jiżżewweġ. Tgħid ukoll li BOV kien ħalla żewġ impjegati nisa li żżewwġu jibqgħu fl-impieg mal-Bank u għalhekk saret diskriminazzjoni bejnha u dawk iż-żewġ impjegati. Minbarra dan, tilminta li hija ġarrbet u għadha ġġarrab ksur tal-jedd tat-tgawdija bil-kwiet tal-possedimenti tagħha, għaliex minkejja li reġgħet daħlet taħdem ma’ BOV, iż-żmien tal-impieg tagħha qabel ma żżewġet ma tqies xejn u dan laqtilha l-jeddijiet tagħha ta’ anzjanità u wkoll għall-pensjoni, fost beneficċji oħrajn li ma setgħetx tgawdi minnhom. Ittemm tgħid li ġarrbet ukoll trattament degradanti u inuman minħabba li baqgħet ma ngħatatx promozzjonijiet għal żmien twil, minħabba li superjur tagħha f’waħda mill-fergħat fejn kienet taħdem kien infitel magħha għaliex żewġha (avukat) kien fetaħ kawża kontrih f’isem ta’ xi klijenti tal-Bank, u wkoll għaliex BOV heddidha li ma jiffirmax il-ftehim ta’ rtirar qabel il-waqt (“*early retirement agreement*”) tagħha jekk kemm-il darba ma tirrinunzjax għar-riżerva li kienet riedet tagħmel dwar il-jeddijiet tagħha kontra l-istess Bank u għalhekk kienet imġegħela tiffirma kontra r-rieda tagħha. Għalhekk, hija titlob li l-Qorti ssib li ġarrbet ksur tal-jeddijiet imsemmija u tagħti r-rimedji xierqa, fosthom it-tħassir fil-konfront tagħha tad-deċiżjoni li tirtira mill-impieg minħabba li żżewġet u l-kundanna tal-intimati għall-ħlas ta’ kumpens xieraq minħabba dak li kellha tgħaddi minnu;

---

[9] Paġġ. 1101 sa 1119 tal-proċess
[10] Paġġ. 1122 sa 1138 tal-proċess

Illi għall-imsemmija azzjoni, l-intimat Avukat Ġenerali laqa' billi, b'mod preliminari, qal li ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti jew mal-pretensjonijiet tagħha u għalhekk ma jweġibx hu għalihom; li mhuwiex f'qagħda li jaf il-fatti li dwarhom tilminta r-rikorrenti ladarba dawn jirrigwardaw l-impieg tagħha ma' Bank privat; li r-rikorrenti naqset li tieħu l-miżuri ordinarji quddiem il-Qrati biex tattakka f'waqthom l-għemejjel tal-Bank li miegħu kienet taħdem, u għalhekk il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; li safejn l-ilmenti tar-rikorrenti jolqtu kwestjonijiet li nqalgħu fil-kors tal-impieg tagħha, tonqos f'din il-Qorti s-setgħa li tisma' l-kawża *ratione materiae* billi dawk il-kwestjonijiet jaqgħu fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali; u li l-ilmenti tar-rikorrenti ma jistgħux jitqiesu minn din il-Qorti skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba l-imsemmija lmenti jintrabtu maċ-ċirkostanza taż-żwieġ tagħha li seħħ qabel ma l-Konvenzjoni kienet daħlet fis-seħħ f'Malta f'Mejju tal-1987. Fil-mertu, laqa' billi ċaħad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt billi (i) l-Istat fl-ebda waqt ma ħaddem xi miżura leġislativa li kienet tobbliga lil nisa impjegati mal-Gvern biex jirriżenjaw mix-xogħol malli jiżżewġu, u għalhekk ma wettaq l-ebda għemil diskriminatorju bi ħsara għar-rikorrenti; (ii) b'hekk lanqas ma qatt ċaħħadha mill-jedd tagħha għat-tgawdija paċifika ta' ħwejjiġha; (iii) ċaħad li l-Istat Malti kien jaħti b'xi mod ta' trattament inuman jew degradanti fil-konfront tagħha. Għalhekk, l-intimat laqa' billi qal li r-rikorrenti ma ġarrbet l-ebda ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha minn taħt idejh. Temm jgħid li, f'kull każ, jekk kemm-il darba l-Qorti kellha ssib li r-rikorrenti tabilħaqq ġarrbet ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha, kull kumpens lilha dovut imissu jkun biss wieħed morali, ladarba għal dak li jirrigwarda kumpens materjali r-rikorrenti kellha u setgħet tinqeda minn "rimedji ordinarji, prattiċi, effettivi u effikaċi" oħrajn. Dwar il-kumpens morali, l-intimat eċċipjent qal li dan għandu jieħu qies ukoll tal-fatt li r-rikorrenti "damet snin sħaħ biex bdiet dawn il-proċeduri";

Illi, min-naħa l-oħra, l-intimat BOV laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li r-rikorrenti kellha rimedji ordinarji li nqdiet bihom u nstab li ma kellhiex raġun fl-ilmenti tagħha wkoll dwar allegata diskriminazzjoni, filwaqt li naqset li tieħu rimedji ordinarji oħrajn li kellha dwar l-ilmenti l-oħrajn; li tonqos fil-Qorti s-setgħa *ratione materiae* li tqis it-tieni talba tar-rikorrenti, ladarba kwestjoni ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol taqa' fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali; u li, safejn il-fatti li minnhom tilminta r-rikorrenti jmorru għal żmien qabel id-dħul fis-seħħ f'Malta tal-Konvenzjoni, l-azzjoni ma tistax trieġi skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqa' billi qal li "għandu jirriżulta f'dawn il-proċeduri, huwa manifest li d-drittijiet tar-rikorrenti,

senjatament dawk sanċiti fl-Artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta msemmija fir-rikors promotur, qatt ma ġew leżi fil-konfront tar-rikorrenti". Fisser dan billi qal li l-għażla tar-rikorrenti li tieqaf taħdem mal-Bank malli żżewġet kienet għażla li hija ħadet minn jeddha u bla ma kienet imġiegħla, wara li kienet aċċettat l-impieg tagħha bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol magħrufin sewwa minnha u li kienu jgħoddu għall-impjegati l-oħrajn kollha tal-Bank u wkoll li, malli wettqet dik l-għażla, kienet saħansitra ibbenefikat minn gratifikazzjoni b'għarfien tas-snin ta' servizz li kienet tat sa dakinhar. Żied jgħid li kull prattika ta' xogħol li ħaddem f'dak iż-żmien kienet waħda "kostanti u komuni fil-ħajja lavorattiva Maltija bbażata fuq il-politika soċjali viġenti u applikabbli ugwalment għall-ħaddiema kollha" tiegħu. Ċaħad li r-rikorrenti ġarrbet "*cascading financial losses*" minħabba l-qtugħ ta' servizz kontinwu miegħu minħabba r-riżenja tagħha u sa ma reġgħet daħlet taħdem mal-Bank, u dan għaliex għal dan il-qtugħ kienet taħti l-istess rikorrenti li damet żmien twil ittella' u tniżżel biex twieġeb għas-sejħat tal-Bank li terġa' tidħol lura għax-xogħol u għaliex, għal xi żmien, kienet impjegat ruħha ma' ħaddieħor. Ċaħad li qatt mexa b'xi mod diskriminatorju magħha. Dwar it-telf ta' dħul, ċaħad li kien ċaħħadha minn promozzjoni fil-waqt u li xi tnax-il (12) sena qabel ma kellha tirtira bl-età kienet għażlet li tirtira qabel iż-żmien bi ftehim magħmul bejnha u l-Bank taħt skema ta' rtirar kmieni bil-benefiċċji kollha li ġġib magħha u bla ma qatt ippruvat twaqqa' jew tattakka dak il-ftehim. Temm jgħid li l-Qorti jmissha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontriha, u żamm sħiħ il-jedd li jressaq eċċezzjonijiet oħrajn;

Illi b'sentenza preliminari li ngħatat f'Mejju tal-2017, il-Qorti warrbet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali u l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari ta' BOV;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rikorrenti kienet bdiet l-impieg tagħha man-National Bank of Malta f'Novembru tal-1973[11] meta kien għad għandha għoxrin (20) sena. Mat-twaqqif ta' BOV, wara l-ġrajjiet tal-għeluq tan-National Bank fi Frar tal-1974, ir-rikorrenti bdiet taħdem ma' BOV;

Illi, xi xhur qabel tejġet, ir-rikorrenti bagħtet tgħarraf lil BOV li kienet se tirriżenja mill-impieg tagħha minħabba li kienet se tiżżewweġ[12], Madankollu, ftit taż-żmien qabel, hija talbet lill-Bank iħalliha tibqa' taħdem miegħu wara d-data tat-tieġ[13]. Kien sar memorandum ukoll minn wieħed mis-superjuri tagħha li talab lit-tmexxija tal-BOV biex tikkunsidra favorevolment ix-

[11] Dok "1", f'paġ. 202 tal-proċess
[12] Dok "LS2", f'paġ. 522 tal-proċess
[13] Dok "9" f'paġ. 239 tal-proċess

xewqa tagħha[14]. BOV weġibha[15] li ma kienx se jilqa' t-talba tagħha. Hija żżewġet fil-25 ta' Awwissu, 1979, u ħalliet l-impieg tagħha minn ma' BOV. F'dik l-okkażjoni, hija rċeviet il-ħlas tal-gratifikazzjoni taż-żwieġ xahar wara[16]. Ir-rikorrenti tgħid li, għalkemm fil-kuntratt tal-ingaġġ tagħha fl-impieg (li, fis-sewwa, kien fis-sura ta' ftehim kollettiv) kellha kundizzjoni li tgħid li "*You will be required to resign on marriage*", saret taf żmien wara li, fil-fatt, BOV kien żamm fl-impieg żewġ impjegati nisa – Marcelline Camilleri u Isabel Ferro – minkejja li huma wkoll kienu żżewġu fl-1975, jiġifieri erba' snin qabel ma żżewġet hi;

Illi, madankollu, hija reġgħet ħadmet ma' BOV fuq bażi ta' kuntratti għal żmien fiss minn Mejju tal-1980 sa Ottubru ta' dik is-sena[17]. Fuq talba li hija għamlet lil BOV f'Awwissu tal-1989[18], reġgħet bdiet taħdem fuq bażi ta' kuntratt definit minn Ottubru tal-1989[19] sa Ġunju tal-1992[20]. Minn Lulju tal-1992 'il quddiem, reġgħet bdiet taħdem mal-BOV bħala impjegata '*full-time*' b'kuntratt għal żmien indefinit, fil-grad ta' "*Clerk II*"[21]. Fl-ittra tal-ħatra jingħad li, għall-għanijiet ta' salarju, il-BOV stabilixxa tmien snin u għaxar xhur bħala s-snin ta' servizz li kienet tatu sa dak iż-żmien;

Illi, fil-frattemp, fl-10 ta' Settembru, 1979[22], il-Gvern ta' Malta ħareġ Ittra Ċirkolari (S.O. 17/79) lill-kapijiet tal-iskejjel li biha għarrfithom li kienet saret il-politika ("*policy*") tal-Gvern li għalliema nisa setgħu jibqgħu fl-impieg malli jiżżewġu, imma li kienu jintalbu li jirriżenjaw jekk ma jkunux f'qagħda li jistgħu jwettqu xogħolhom b'mod effiċjenti minħabba xi tqala. Ingħatat ukoll tifsira dwar xi effetti fuq il-kontinwità tal-impieg għal għanijiet ta' salarju u skala u wkoll għal għanijiet ta' eliġibilità għal pensjoni u meta għalliema mara kellha tiddeċiedi jekk tibqax taħdem bħala għalliema jew le f'każ taż-żwieġ tagħha;

Illi kien f'Diċembru tal-1980[23] li l-Gvern wessa' b'Ittra Ċirkolari oħra (OPM 103/80) dik il-politika fir-rigward ta' impjegati nisa fis-Servizz Ċivili kollu u li, minn hemm 'il quddiem, kellha titneħħa mill-kuntratti tal-ingaġġ tagħhom kull klawsola li kienet titlobhom jirriżenjaw mill-impieg malli jiżżewġu. Bis-saħħa ta' Ittra Ċirkolari oħra maħruġa f'Marzu tal-1981[24], is-Segretarju Amministrattiv bagħat jgħid lill-kapijiet tad-dipartimenti fis-Servizz Ċivili, x'kellhom jagħmlu uffiċjali pubbliċi nisa wara li jkunu żżewġu u baqgħu fl-

[14] Dokti "IA1" u "8", f'paġġ.182 u 198 tal-proċess
[15] Dok "10", f'paġ. 240 tal-proċess
[16] Dok "LS2", f'paġ. 516 tal-proċess
[17] Dok "13", f'paġġ. 243 – 5tal-proċess
[18] Dok "LS2", f'paġ. 502 tal-proċess
[19] Dok "13", f'paġ. 246 tal-proċess
[20] Affidavit tagħha f'paġ. 163 tal-proċess
[21] Dok "14", f'paġ. 247 tal-proċess
[22] Dok "JZ1", f'paġ. 309 tal-proċess
[23] Dok "JZ2", f'paġ. 310 tal-proċess
[24] Dok f'paġ. 591 tal-proċess

impieg. Tajjeb li jingħad ukoll li, bis-saħħa ta' bidla fil-liġi tal-impiegi[25] li ddaħħlet b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1981[26], il-liġi bdiet tipprovdi li "*Kull kondizzjoni f'kuntratt ta' servizz li tagħti s-setgħa lil prinċipal li jtemm l-impieg ta' impjegata meta tiżżewweġ jew meta ssir tqila b'tarbija tkun mingħajr effett*";

Illi f'Awwissu tal-1993, BOV ħareġ sejħa interna għall-applikazzjonijiet għall-mili ta' karigi ta' "*Supervisor I*". Ir-rikorrenti ressqet it-talba tagħha[27], imma ma ntlaqgħetx għaliex il-Bank sab li ma kienx ilha fl-impieg miegħu sa mill-1 ta' Novembru tal-1985. Talba magħmula mir-rikorrenti f'Awwissu ta' dik is-sena biex it-tmexxija ta' BOV terġa' taħsibha baqgħet ma ntlaqgħetx[28]. Għalhekk, f'Novembru tal-istess sena, ir-rikorrenti ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji dwar it-talba li kienet għamlet fl-imsemmija sejħa għall-applikazzjonijiet. F'Mejju tal-1995[29], il-Kummissjoni sabet li r-rikorrenti la kienet ġarrbet inġustizzja u lanqas imġiba diskriminatorja u għarrfitha li l-ilment tagħha ma kienx intlaqa' u li l-Prim Ministru kien qagħad għal dik id-deċiżjoni[30];

Illi r-rikorrenti ngħatat promozzjoni fil-grad ta' "*Supervisor*" f'Ottubru tal-2002[31]. Matul iż-żmien li kienet f'impieg ma' BOV, ir-rikorrenti tirreferi għal u xehdet dwar "numru konsiderevoli ta' avvenimenti negativi li seħħew kemm domt naħdem ma' Bank of Valletta"[32], u li hija tqishom bħala r-raġuni li wasslitha għall-ftuħ ta' din il-kawża;

Illi matul l-2003, BOV nieda eżerċizzju (imsejjaħ "*Job Evaluation Programme*") fost l-impjegati kollha tiegħu, bil-għan li jfassal u jiżviluppa struttura ġdida ta' skali jew gradi fost l-istess impjegati u jqabbilhom ma' xulxin. B'riħet dak l-eżerċizzju, f'April tal-2004, BOV qiegħed lir-rikorrenti fil-Grad C2 bħala "*Purchasing Officer – Purchasing*"[33]: minħabba li dak il-grad kien jaqa' fi skala ta' paga anqas minn dik li r-rikorrenti kienet qiegħda tirċievi dak iż-żmien, BOV qatagħha li hija xorta waħda tibqa' tieħu l-paga ogħla li kellha, minbarra l-"*qualification allowance*" li kellha titħallas apparti;

Illi f'Mejju tal-2004, ir-rikorrenti nqdiet bi klawsola tal-ftehim kollettiv li kien fis-seħħ dak iż-żmien biex tapplika għall-irtirar mill-impieg qabel iż-żmien (taħt skema msejjaħ "*Special Retirement Scheme*") u talbet li jkollha tweġiba minn BOV kemm jista' jkun malajr[34]. Meta ntbagħtilha l-abbozz tal-

---

[25] L-Att li Jirregola l-Kundizzjonijiet tal-Impieg (Att XI tal-1952)(Kap 135) – mibdul bl-Att XXII tal-2002 (Kap 452) u mħassar għal kollox bl-Att II tal-2015
[26] Żieda ta' art. 23A fil-Kap 135 bis-saħħa ta' art. 7 tal-Att XI tal-1981 (7.4.1981)
[27] Dok "16" f'paġġ. 248 – 9 tal-proċess
[28] Dok "18", f'paġġ. 250 – 1 tal-proċess
[29] Dok "ES1", f'paġġ. 20 sa 31 tal-proċess
[30] Dokti "ES1" f'paġġ. 18 u 47 tal-proċess
[31] Dok "21" u affidavit tar-rikorrenti f'paġġ. 55, 166 u 254 tal-proċess
[32] Affidavit tagħha f'paġ. 166 tal-proċess
[33] Ara Dok "LS2", f'paġġ. 422 – 3 tal-proċess
[34] Dok "LS2", f'paġ. 421 tal-proċess

ittra tat-temm tal-impieg, hija bagħtet lista ta' riżervi li riedet iżżomm fis-seħħ dwar xi lmenti (maqsuma taħt ħamest irjus u mir-rikorrenti msejjaħ "*Attachment A*"[35]) li kellha fir-rigward ta' xi ġrajjiet li seħħew matul l-impieg tagħha mal-Bank. F'Awwissu tal-2004[36], hija temmet l-impieg tagħha ma' BOV bl-iffirmar ta' ftehim ta' rtirar mill-impieg. F'dan ir-rigward ukoll, ir-rikorrenti tisħaq li kienet imġiegħla tersaq għal dak il-ftehim billi kellha twarrab kull riżerva li kienet żammet fir-rigward tal-imsemmija avvenimenti[37]. Ir-rikorrenti tqis li mal-iffirmar tal-ftehim ta' rtirar qabel iż-żmien mill-impieg fl-2004, "kienet is-sena meta l-vjolazzjonijiet ġew fit-tmiem tagħhom"[38];

Illi f'xi żmien lejn il-bidu tal-2014, ir-rikorrenti ntebħet li BOV kien ħassar isimha mill-kotba tal-Bank meta ż-żmien tal-irtirar tagħha bl-età (u għalhekk meta kellu jitwaqqaf il-vitalizju ("*annuity*") marbut mal-irtirar tagħha mill-impieg qabel iż-żmien) kellu jkun fis-26 ta' Diċembru, 2014. Dwar dan u dwar il-ħlasijiet lilha dovuti, għaddiet sensiela ta' korrispondenza bejn il-partijiet u saret ukoll laqgħa u din il-ħaġa jidher li kellha eżitu favorevoli għar-rikorrenti[39];

Illi fil-11 ta' Novembru, 2014[40], ir-rikorrenti ressqet ittra interpellatorja lil BOV b'xi pretensjonijiet tagħha dwar l-ilmenti mġarrbin minnha kemm damet taħdem fil-Bank, imma BOV warrabhom b'ittra tiegħu tad-9 ta' Diċembru, 2014[41];

Illi fid-19 ta' Diċembru, 2014, ir-rikorrenti fetħet din il-kawża;

Illi f'dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet legali li jolqtu l-każ tal-lum, jidher li r-rikorrenti ssejjes l-azzjoni tagħha ta' lment dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha fuq tliet (3) sisien: (i) fuq il-jedd li ma tkunx suġġetta għal trattament diskriminatorju; (ii) fuq il-jedd għat-tgawdija tal-possedimenti tagħha; u (iii) fuq il-jedd li ma tkunx suġġetta għal trattament inuman jew degradanti. Fit-tliet każijiet li huma, ir-rikorrenti tgħid li l-ksur seħħ kemm taħt il-Kostituzzjoni fl-artikoli 45, 37 u 33 tagħha, u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni fl-artikoli 14, 1 (Protokoll I) u 3 tagħha rispettivament;

Illi l-Qorti tqis ukoll li, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, ir-rikorrenti ssemmi[42] ksur ta' jedd għal smigħ xieraq fis-sura ta' ċaħda għal aċċess għal qorti. Ma hemm l-ebda premessa fir-rikors promotur tagħha għal tali ksur u, fis-sewwa, din il-Qorti ma tarax għaliex għandha tistħarreġ xi lment f'dan ir-

[35] Dok "LS2", f'paġ. 411 tal-proċess
[36] Dok "22", f'paġġ. 255 – 6 tal-proċess
[37] Ara l-lista ta' ħames (5) riżervi li nhemżu mal-ittra, Dok "IA3c", f'paġ. 186 tal-proċess
[38] Affidavit tagħha f'paġ. 179 tal-proċess
[39] Ara Dok "LS2", f'paġġ. 359 sa 398 tal-proċess
[40] Dok "25", f'paġġ. 267 – 274 tal-proċess
[41] Dokti "IA4" u "26", f'paġġ. 187 u 275 tal-proċess
[42] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 1028 u 1077 tal-proċess

rigward meta r-rikorrenti naqset li ġġib prova tajba biex tfisser kif, tul iż-żmien kollu rilevanti għall-istħarriġ tal-każ tagħha f'din il-kawża, kienet miżmuma b'xi mod milli tfittex il-jeddijiet tagħha b'mod ġudizzjarju jew kif, qabel ma fetħet din il-kawża, hija kellha xi impediment ieħor li żammha lura milli tibda xi kawża oħra fiż-żmien li xtaqet hi jew li kienet tqis bħala opportuna minbarra l-ilment tagħha ta' ksur ta' jedd fundamentali. Minbarra dan, safejn ir-rikorrenti tqis li ġarrbet ksur ta' dan il-jedd fil-mod kif il-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni tal-Inġustizzji mexxiet il-każ tagħha, din il-Qorti tqis li mhux biss dik il-Kummissjoni ma hijiex parti f'din il-kawża, imma lanqas tista' tara kif xi wieħed mill-intimati fil-kawża tal-lum jista' b'xi mod jitqies tajjeb biex iwieġeb għal dak l-ilment speċifiku;

Illi, wara li saret din il-preċiżazzjoni, il-Qorti sejra tqis l-ilmenti msemmija mir-rikorrenti fl-att promotur tal-kawża f'dik l-ordni u dan ukoll fid-dawl tal-eċċezzjonijiet fil-mertu li qajmu l-intimati u li sal-lum għadha ma ngħatat l-ebda sentenza dwarhom;

Illi għal dak li jirrigwarda x-xilja tal-**ksur tal-jedd li ma ġġarrabx trattament diskriminatorju**, dawn jiffurmaw il-bażi tat-tieni u tat-tielet talbiet tar-rikorrenti. L-ilmenti tar-rikorrenti taħt din ir-ras jistgħu jinġabru taħt erba' (4) taqsimiet li ħarġu mill-provi mressqa matul is-smigħ tal-kawża. Dawn huma: (a) fir-rigward tal-obbligu li r-rikorrenti tħalli l-impieg maż-żwieġ u n-nuqqas ta' qies tas-snin li għamlet sa dakinhar għall-għanijiet ta' pensjoni (ir-rikorrenti ssejjaħ dan bħala "l-ewwel saff ta' diskriminazzjoni"); (b) iż-żamma fl-impieg ta' nisa oħrajn impjegati mal-BOV, minkejja li kienu għażlu li jiżżewġu (ir-rikorrenti ssejjaħ dan bħala "t-tieni saff ta' diskriminazzjoni"); (ċ) l-esklużjoni tagħha mit-talba tagħha li tikkonkorri fl-eżerċizzju ta' promozzjonijiet li sar f'Awwissu tal-1993; u (d) vittimizzazzjoni mġarrba minnha matul iż-żmien li kienet fl-impieg;

Illi kif ingħad, ir-rikorrenti ssejjes dan l-ilment tagħha kemm fuq dak li jipprovdi l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni marbut mal-artikoli 12 u 1 (Protokoll I) tagħha;

Illi għal dak li jirrigwarda l-artikolu relattiv tal-Kostituzzjoni, il-Qorti tqis li r-rikorrenti m'hijiex qiegħda tattakka t-tħaddim ta' xi liġi, iżda t-trattament li ġarrbet minn BOV sewwasew minħabba li hija kienet impjegata mara, wkoll fl-imġiba tiegħu ma' xi impjegati nisa oħrajn sħabha. Għalhekk, dak li huwa rilevanti għall-għanijiet tal-każ li l-Qorti għandha quddiemha huma d-dispożizzjonijiet tas-sub-artikoli (2) u (3) tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni li jridu li ħadd m'għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li tagixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi ta' funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi

awtorità pubblika[43]. Ikun diskriminatorju kontra dak l-artikolu kull trattament differenti li jingħata lil persuni differenti u li jkun attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn[44];

Illi, kif ingħad bosta drabi, l-oqsma ta' trattament diskriminatorju li l-Kostituzzjoni tħares huma dawk tassattivament imsemmija fis-sub-artikolu (3) ta' dak l-artikolu[45], u minħabba f'hekk, fit-tħaddim u t-tifsir tiegħu joffri differenzi minn dak li jipprovdi l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni[46];

Illi l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assikurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew status ieħor*";

Illi meta l-Qorti tistħarreġ l-ilment taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni trid tagħmel dan billi żżomm quddiem għajnejha (i) li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi u jistgħu jkunu jgħoddu fihom ċirkostanzi oħrajn fejn persuna tista' ġġarrab trattament diskriminatorju meta mqabbel ma' dak li jkun ingħata lil ħaddieħor fl-istess qagħda u li jikser xi jedd ieħor imħares taħt il-Konvenzjoni. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) t-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14[47]. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak[48];

Illi, minbarra dan, taħt il-profil ta' ksur taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni huwa stabilit sewwa li biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil persuna

---

[43] Art. 45(2)
[44] Art. 45(3)
[45] T. Borg <u>A Commentary on the Constitution of Malta</u> (Kite, Ed. 2016) f'paġ. 216
[46] Kost. **18.7.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Anne Miller pro et noe et vs L-Avukat Ġenerali et***
[47] Q.E.D.B. **23.7.1968** fil-***Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belġju*** (Applik. Nru. 1474/62 et.), § 10, u Q.E.D.B. **8.7.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Lithgow vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9006/80 et.), § 177
[48] Harris, O'Boyle & Warbrick <u>Law of the European Convention on Human Rights</u> (1995), paġġ. 465 – 6

trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbahha, (ċ) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalità bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat[49]. Iżda hekk kif il-parti mġarrba turi li ngħatat trattament differenti, jaqa' d-dmir fuq l-Istat li juri li tali trattament kien mistħoqq[50]. F'dan ir-rigward jingħad li "*There is a shifting burden of proof in the area of discrimination. The general principle affirmanti incumbit probatio (he or she who alleges something must prove that allegation) is therefore not applied in a rigorous manner. The initial burden, of course, falls upon the applicant to establish that there is a difference in treatment. Once this has been done, the burden moves to the government, where the responsibility is to demonstrate that the measure in question was justified*"[51];

Illi llum il-ġurnata jidher li huwa stabilit li "*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court*"[52];

Illi kif ingħad b'mod meqjus u miġbur mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward: "*biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita' bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik*

[49] Ara P.A. (Kost.) TM **26.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Paċe Cole vs Chairman Maltacom p.l.c. et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-**25.4.2005**)
[50] Q.E.D.B. (GC) **7.11.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Vallianatos et vs Greċja*** (Applik. Nru. 29381/09) § 85 u Q.E.D.B. **22.3.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Guberina vs Kroazja*** (Applik. Nru. 23682/13) §74
[51] W A Schabas *The European Convention on Human Rights: A Commentary* (O.U.P 2015) pġ. 570
[52] Q.E.D.B. **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04) § 161

*id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma placed in analogous situations*"[53];

Illi issa li saru l-kunsiderazzjonijiet legali fir-rigward, il-Qorti se tgħaddi biex tqis it-taqsimiet li fuqhom ir-rikorrenti ssejjes l-ilment tagħha taħt dan il-jedd fundamentali;

Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni taqsimiet ilmentati mir-rikorrenti, dawn jirreferu għall-fatt tal-għoti tar-riżenja tagħha mill-impieg ma' BOV mal-okkażjoni taż-żwieġ tagħha u kif b'din l-għażla ntilfu s-snin li kienet laħqet ħadmet għall-għanijiet ta' kejl tal-pensjoni. L-argument kostanti tar-rikorrenti f'dan ir-rigward hu li, bħala impjegata mara ma' BOV, ma kellha l-ebda għażla oħra għajr li tirriżenja mill-impieg meta waslet biex tieħu l-istat tagħha taż-żwieġ u li, minħabba f'hekk, wara li reġgħet iddaħħlet taħdem mal-BOV, is-snin li kienet għamlet bħala impjegata qabel ma żżewġet ma tqisux aktar għall-għanijiet ta' pensjoni. B'mod partikolari, ir-rikorrenti tqis li l-fatt li, maż-żwieġ, impjegati nisa tal-BOV (u mhux ukoll impjegati sħabhom irġiel) kellhom jagħtu r-riżenja tagħhom mill-impieg jikkostitwixxi diskriminazzjoni ċara msejsa fuq il-ġeneru jew is-sess tal-persuna. Filwaqt li tisħaq li, qabel tefgħet ir-riżenja tagħha kienet talbet lil BOV biex iżommha fl-impieg minkejja li kienet se tiżżewweġ u l-BOV ma laqax it-talba tagħha, ma kellhiex għażla oħra għajr li titfa' r-riżenja. Hija tgħid li, b'riżenja furzata bħal dik, hija ġarrbet qtugħ fis-servizz tagħha fl-impieg ma' BOV li ġab effett fuq l-għadd ta' snin li tqishulha meta waslu ġrajjiet partikolari fl-impieg tagħha aktar 'il quddiem – partikolarment, fl-eliġibilità tagħha għal promozzjonijiet fuq medda ta' snin u fil-kejl tal-pensjoni li kien jistħoqqilha malli tirtira bl-età;

Illi BOV jilqa' għal dan l-ilment billi jgħid li, l-ewwel u qabel kollox, il-kundizzjoni li impjegata mara kellha tagħti r-riżenja tagħha malli tkun se tiżżewweġ kienet kundizzjoni stabbilita fil-ftehim kollettiv li jrieġi l-impieg tagħha. Din kienet kundizzjoni li r-rikorrenti kienet aċċettat li tintrabat biha sa minn meta daħlet fl-impieg (man-National Bank of Malta) u ssoktat wara li l-BOV beda jmexxi l-Bank. Iżid jgħid li, marbut sfiq ma' dak l-obbligu, fiż-żmien li r-rikorrenti kienet waslet biex tiżżewweġ, il-ftehim kollettiv fis-seħħ f'BOV kien jistipula b'mod ċar il-qagħda ta' mpjegati nisa li jkunu għażlu u waslu biex jiżżewġu. Minbarra dan, jgħid li r-rikorrenti rriżenjat bla riżerva u aċċettat ukoll – dejjem skond kif kien stipulat fil-ftehim kollettiv – il-gratifikazzjoni taż-żwieġ. BOV iressaq argumenti biex ifisser il-qafas ekonomiku-ġuridiku taż-żmien meta l-prattika li mpjegati nisa kienu jagħtu r-riżenja mill-impieg malli jaslu għaż-żwieġ kienet tirrifletti ħtiġijiet soċjali u kulturali aċċettati mis-soċjetà. Iqajjem

[53] P.A. (Kost) GCD **15.2.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9.2.2007**) li kienet tirrigwarda każ ta' pensjonijiet; u Kost. **24.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Enrichetta Bianchi et vs Avukat Ġenerali et***

kunsiderazzjoni oħra billi jgħid li safejn l-ilment tar-rikorrenti dwar diskriminazzjoni jirreferi għall-okkażjoni tar-riżenja, id-dispożizzjonijiet tal-Kap 319 ma jgħoddux għall-każ minħabba l-artikolu 7 tiegħu[54]. B'żieda ma' dan, isemmi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 45(10) tal-Kostituzzjoni biex jgħid li ebda ħaġa li hemm f'xi liġi magħmula qabel l-1 ta' Lulju, 1991, ma kellha titqies li hija inkonsistenti mal-artikolu 45 "billi dik il-liġi tkun tipprovdi għal trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni rispettiva tagħhom skond is-sess";

Illi l-intimat Avukat tal-Istat[55] iqis li huwa ma għandu jwieġeb xejn għal dan l-ilment, għaliex il-prattika li kien hemm fis-seħħ meta r-rikorrenti rriżenjat mill-impieg meta żżewġet ma kinitx liġi, minbarra li jgħid li BOV ma jaqax taħt xi waħda mill-kategoriji ta' persuni msemmija fis-sub-artikolu (2) tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, billi la kien persuna li qiegħda taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba (billi ma kien hemm l-ebda liġi miktuba f'dak iż-żmien li tgħid li xiħadd kellu jirriżenja mill-impieg maż-żwieġ), la kien qiegħed iwettaq funzjoni ta' kariga pubblika u lanqas huwa awtorità pubblika. Bħalma qal BOV, l-Avukat tal-Istat jgħid ukoll li t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux jitqiesu taħt il-Konvenzjoni *ratione temporis* billi r-riżenja tar-rikorrenti seħħet ħafna żmien qabel it-terminu msemmi fl-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-Qorti jidhrilha li jkun tajjeb li, qabel ma tqis l-ilmenti tar-rikorrenti taħt dawn iż-żewġ taqsimiet, tqis xi sottomissjonijiet magħmula mill-intimati kif għadu kemm issemma. L-ewwel u qabel kollox, il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-Avukat tal-Istat li BOV ma jweġibx għall-ilmenti tar-rikorrenti dwar id-diskriminazzjoni taħt il-Kostituzzjoni. Lanqas BOV innifsu ma qajjem din il-ħaġa. Il-kliem "awtorità pubblika" li jinsabu fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ngħataw tifsira partikolari mill-Qrati Maltin f'każijiet ta' lmenti minn ksur ta' jedd li wieħed ma jġarrabx trattament diskriminatorju. F'dan id-dawl, kumpannija reġistrata taħt il-liġi li fiha l-Gvern jew l-Istat ikollu l-biċċa l-kbira tal-ishma jew ikollu setgħat ta' kontroll, tqiesu li jaqgħu tat it-tifsira ta' "awtorità pubblika" għall-għanijiet tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni bla ma kellhom għalfejn ikunu kumpanniji maħluqa bis-saħħa ta' liġi (kumpanniji para-statali)[56]. Għal dak li jirrigwarda l-qagħda tal-intimat Avukat tal-Istat bħala kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi, il-Qorti sejra tqis din il-ħaġa aktar 'il quddiem meta tqis l-eċċezzjoni partikolari mqajma minnu f'dan ir-rigward;

Illi, fit-tieni lok, is-sottomissjoni tal-intimati li t-talba attriċi safejn tissejjes fuq id-diskriminazzjoni mġarrba mir-rikorrenti taħt il-Konvenzjoni hija milquta *ratione temporis* jistħoqqilha kunsiderazzjonijiet partikolari f'dan il-

[54] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 1130 tal-proċess
[55] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 1103 – 4 tal-proċess
[56] Ara, fost l-oħrajn, Kost. **9.10.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Buttiġieġ vs Mizzi et noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.119**) u Kost. **11.2.1991**fil-kawża fl-ismijiet ***Debono Grech vs Mizzi et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.68**)

waqt, b'żieda ma' dawk li l-Qorti diġà għamlet fis-sentenza preliminari tagħha tad-9 ta' Mejju, 2017[57]. Dan qiegħed jingħad għaliex, minbarra li dakinhar li ngħatat l-imsemmija sentenza preliminari, il-Qorti ma kienx għad għandha quddiemha l-provi kollha tar-rikorrenti li jfissru tabilħaqq x'kienu l-fatti li wassluha biex tilminta minn ksur tal-jedd tagħha li ma ġġarrabx trattament diskriminatorju, wara l-għoti tal-imsemmija sentenza seħħew żviluppi fit-tifsir tal-liġi b'sentenzi mill-ogħla Qorti ta' Malta f'dan ir-rigward li jixħtu dawl siewi fuq il-kwistjoni[58]. Fi ftit kliem, biex din il-Qorti tkun tista' tqis l-ilment tar-rikorrenti taħt xi artikolu tal-Konvenzjoni, irid ikun imwettaq dak li jitlob l-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Dak l-artikolu jagħmilha ċara li ebda ksur tal-artikoli tal-Konvenzjoni msemmijin fih – u fost dawn wieħed isib sewwasew l-artikoli 3, 14 u 1 (tal-Ewwel Protokoll) li fuqhom tissejjes l-azzjoni tar-rikorrenti – u li jkun seħħ qabel it-30 ta' April, 1987, ma jista' jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4 tal-imsemmi Att;

Illi hawnhekk iqum punt ieħor li l-Qorti trid tgħarbel f'dan ir-rigward u li jkun jgħodd ukoll meta se tistħarreġ l-ilmenti tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali l-oħrajn tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti, fis-sottomissjonijiet tagħha, tisħaq ħafna li l-kwistjoni *ratione temporis* ma tqumx fir-rigward tal-azzjoni tagħha għaliex, tgħid, dak li ġarrbet bil-fatt tar-riżenja tagħha mill-impieg malli ġiet biex tiżżewweġ baqa' jħalli l-effetti tiegħu sa dakinhar li fetħet din il-kawża. L-intimat BOV jisħaq li l-fatt tar-riżenja kien fatt wieħed li ntemm malli seħħ u li jekk tassew seħħ ksur, dan seħħ mar-riżenja u ma baqax ikaxkar, ladarba minn dak il-waqt 'l hemm inqatgħet ir-rabta kuntrattwali bejnu u r-rikorrenti. Il-Qorti tqis li r-riżenja tar-rikorrenti meta waslet biex tiżżewweġ kienet ċirkostanza waħda u, fiż-żmien li saret, definita. Kif jgħid il-Bank intimat, jekk kemm-il darba seħħ ksur tal-jedd tar-rikorrenti li ma ġġarrabx trattament diskriminatorju, dan il-ksur ġara mal-fatt. Kif ingħad f'sentenza li tixbah lill-kawża tal-lum, "*Il-ksur huwa kostitwit mill-fatt, u l-fatt jikkostitwixxi l-ksur*"[59]. Din il-Qorti għandha l-istess fehma dwar dan;

Illi dak li ngħad hawn fuq jgħodd fir-rigward tal-ewwel żewġ taqsimiet tal-ilment tar-rikorrenti taħt il-jedd li ma ġġarrabx diskriminazzjoni. Għalhekk, ladarba r-riżenja tar-rikorrenti mill-impieg minħabba li kienet waslet biex tiżżewweġ u ċ-ċirkostanza fil-każ ta' impjegati oħrajn nisa li nżammu jaħdmu ma' BOV minkejja li kienu żżewġu, seħħew qabel April tal-1987, dawn jintlaqtu b'dak li jgħid l-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Qorti ma tistax tqis dawk l-ilmenti taħt id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni;

[57] Paġ. 157 tal-proċess

[58] Ara, b'eżempju, Kost. **26.5.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Joachim sive Jack Galea vs L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et***; Kost. **30.3.2022** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Mifsud Saydon vs L-Avukat tal-Istat et***; u Kost. **31.5.2023** fil-kawża fl-ismijiet ***Elfrida Guillaumier et vs Avukat Ġenerali et*** u s-sentenzi fihom imsemmija

[59] Kost. **19.4.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Lanteri vs Avukat Ġenerali et*** §28

Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis din il-parti tal-ilment tar-rikorrenti mill-għajn tal-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni;

Illi dwar iċ-ċirkostanza tar-riżenja tagħha mill-impieg minħabba ż-żwieġ, ir-rikorrenti rabtet l-"ewwel saff ta' diskriminazzjoni"[60] maċ-ċirkostanza tal-ksur tal-kontinwità fl-impieg ("*break of service*"). Hija tgħid li BOV irrifjuta li jaggrega ż-żmien li hija kienet ħadmet qabel ma żżewġet maż-żmien li hija ħadmet mal-istess Bank wara li reġgħet daħlet fl-impieg. Biex tqis dan kollu fil-qafas ta' lment ta' ksur tal-jedd li ma ġġarrabx trattament diskriminatorju, din il-Qorti trid tara jekk jirriżultawx tabilħaqq l-elementi li ssemmew aktar qabel. Minn eżami tal-atti, il-Qorti ssib li mhux minnu li BOV injora s-snin li r-rikorrenti kienet ħadmet miegħu (u man-National Bank of Malta) qabel ma rriżenjat biex tiżżewweġ. Il-Qorti tqis li meta BOV qatagħha li jerġa' jimpjegaha fuq kuntratt għal żmien indefinit fl-1992, kien iddikjara espressament iswed fuq l-abjad li s-snin li kienet ħadmet sa mill-ewwel darba li daħlet taħdem fil-bank kienu meqjusa "for salary purposes"[61] u, b'effett ta' hekk, dan kellu jinċidi wkoll fuq il-pensjoni li kellha tkun intitolata għaliha meta tirtira mix-xogħol. Għall-Qorti, dan ifisser li BOV qies mhux biss iż-żmien li r-rikorrenti kienet ħadmet miegħu (u ma' NBM) sakemm kienet għadha xebba, iżda wkoll iż-żmien li kienet ħadmet taħt kuntratti għal żmien definit wara l-1981. Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda prova li BOV mexa mod ieħor ma' ħaddieħor bħalha jew li kien fl-istess ilma tagħha. Prova bħal din kienet tkun essenzjali, jekk mhux kruċjali, biex jintwera li hija tkun ġarrbet trattament diskriminatorju bi ħsara għaliha;

Illi, fid-dawl ta' dawn iż-żewġ kostatazzjonijiet, il-Qorti ssib li r-rikorrenti ma seħħilhiex turi li ġarrbet trattament diskriminatorju minħabba f'hekk;

Illi għal dak li jirrigwarda t-"tieni saff ta' diskriminazzjoni", jidħlu kunsiderazzjonijiet oħrajn. Taħt din it-taqsima, ir-rikorrenti tiġbor kollox madwar il-qagħda ta' impjegati nisa ta' BOV li jagħżlu li jiżżewġu, u wkoll mal-fatt li, minkejja dak l-obbligu, BOV għażel li jżomm fl-impieg impjegati tiegħu nisa minkejja li żżewġu u lir-rikorrenti għażel li ma jżommhiex. Fi kliem ieħor, din it-taqsima tal-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tirrigwarda diskriminazzjoni bejn impjegati rġiel u nisa, u diskriminazzjoni bejn persuni tal-istess ġeneru li jingħataw trattament differenti. Din it-taqsima tinbena fuq il-premessi numri erbgħa (4) sa disgħa (9) tar-rikors li bih infetħet din il-kawża;

Illi f'dak li jirrigwarda l-ewwel sura ta' diskriminazzjoni, ħareġ ċar li meta r-rikorrenti daħlet taħdem man-National Bank of Malta, il-ftehim kollettiv li kien jirregola l-kundizzjonijiet tal-impieg tagħha kien jagħmilha ċara u

[60] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 1025 tal-proċess
[61] Dok "14", f'paġ. 247 tal-proċess

mandatorja li "*The employment of female staff shall be terminated on their marriage and in this case, if they have completed three years of service, they shall be entitled to a marriage gratuity of £30 and an extra bonus of £10 per annum for each additional year of service after the third year up to a maximum gratuity of £50*"[62]. Dak kien il-ftehim kollettiv tal-1970 u jidher li, meta fl-1973 ir-rikorrenti daħlet taħdem mal-Bank, kien il-ftehim fis-seħħ. Ir-rikorrenti kienet marbuta b'dak il-ftehim li kien il-kundizzjonijiet tal-impieg tagħha. Sa ma waslet biex tiżżewweġ, kienu saru ftehim kollettivi oħrajn b'mod li dak li kien fis-seħħ fl-1979 kien jgħid: "*S. The Bank shall have a right to determine the employment of female employees on marriage or at any time after marriage. .. .. In the case of females who were in the Bank's employ on 1st January 1976, the provision at 'S' above shall be reckoned to be effective as from 30th June, 1978*"[63]. Fi kliem ieħor, bejn meta r-rikorrenti daħlet taħdem ma' bank l-ewwel darba sa ma ġiet biex tiżżewweġ il-qagħda ma kinitx baqgħet tassattiva, imma kienet saret prerogattiva diskrezzjonali tat-tmexxija (l-amministrazzjoni) ta' BOV;

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-ilment ta' trattament diskriminatorju mressaq mir-rikorrenti jrid jitqies għal kollox taħt iċ-ċirkostanzi legali maħluqa bil-ftehim kollettiv fiż-żmien relattiv. Għalhekk, jidhrilha li t-tqabbil li sar ma x'kienet il-qagħda in ġenerali f'Malta fil-qasam tax-xogħol f'dan ir-rigward jew x'regoli jew politika kienet titħaddem fir-rigward tas-Servizz Ċivili ftit li xejn jista' jkun ta' siwi għas-soluzzjoni tal-ilment tar-rikorrenti. Ukoll kieku wieħed kellu jqis il-qagħda ta' dak iż-żmien f'dak li jirrigwarda uffiċjali pubbliċi, l-istampa li toħroġ hija waħda li kienet titrieġa minn politika ("*policy*") u mhux minn liġi miktuba[64]. Minn din il-qagħda, joħroġ li r-riżenja ta' impjegata mara maż-żwieġ tagħha kienet prassi u mhux kundizzjoni vinkolanti. Għalhekk, il-Qorti trid tqis il-każ tar-rikorrenti għal rasu;

Illi bil-fatt li r-rikorrenti għażlet li toqgħod għall-kundizzjonijiet tal-kuntratt tal-impieg (il-ftehim kollettiv), ma jfissirx li hija kellha titqies li taċċetta bħala siewi kull kundizzjoni, ukoll jekk tali kundizzjoni tista' tkun ta' ħsara għal xi jeddijiet tagħha. Lanqas ma huwa argument tajjeb dak ta' BOV li jgħid li r-rikorrenti kisbet benefiċċju mir-riżenja tagħha għaliex ingħatat u aċċettat il-gratifikazzjoni stipulata fil-ftehim kollettiv. Kif ingħad, ir-riżenja mill-impieg ma' BOV fiż-żmien li r-rikorrenti kienet se tiżżewweġ ma kinitx waħda mġiegħla, mandatarja jew obbligatorja. Tant ma kinitx kundizzjoni inevitabbli, li r-rikorrenti talbet li titħalla taħdem ma' BOV wara li tkun iżżewġet, imma BOV għażel li ma jilqax dik it-talba u ġġustifikaha billi semma l-politika tal-Bank dak iż-żmien dwar l-impjegati nisa tiegħu li jagħżlu li jiżżewġu;

[62] Dok "5", f'paġ. 208 tal-proċess
[63] Ara Dok"5", f'paġ. 232 tal-proċess
[64] Kost. **19.4.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Lanteri vs Avukat Ġenerali et*** § 23 – 5; u P.A. Kost MC H **21.6.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Buttiġieġ Grima vs Avukat Ġenerali et***

Illi, madankollu, il-klawsola "S" tal-ftehim kollettiv fiha nnifisha kienet tagħraf bejn impjegati nisa u sħabhom irġiel u dan kien juri trattament differenti bejn impjegati minħabba l-ġeneru tagħhom. Sa Jannar tal-1981[65], kundizzjoni bħal dik ma kien fadlilha l-ebda effett taħt il-liġi. Fil-fehma tal-Qorti, sakemm dik il-klawsola baqgħet tiswa u l-fakultà li t-tmexxija ta' BOV kellha diskrezzjoni li tagħżel bejn impjegati tagħha nisa minn dawk irġiel kien jikkostitwixxi trattament diskriminatorju msejjes biss fuq distinzjoni ta' ġeneru;

Illi meta wieħed jgħaqqad dan kollu mal-fatt ippruvat li BOV żamm nisa oħrajn impjegati miegħu wara li żżewġu, l-argument tat-trattament diskriminatorju lmentat mir-rikorrenti jikseb aktar saħħa. Ir-rikorrenti ressqet provi tajbin biżżejjed li juru li, minn tal-anqas, żewġ kollegi tagħha li żżewġu xi snin qabel ma żżewġet hi, imma tħallew jibqgħu fl-impieg ma' BOV[66]. Huwa minnu li huma rriżenjaw xi żmien wara, imma dan ma kienx għaliex iżżewġu, imma għaliex kellhom jirriżenjaw minħabba li ħarġu tqal. L-intimati ma ressqux provi biex iwaqqgħu l-provi mressqa mir-rikorrenti f'dan ir-rigward. Għalkemm l-imsemmija żewġ impjegati ma kinux fl-istess skala tar-rikorrenti, il-ftehim kollettiv fis-seħħ dak iż-żmien ma kienx jiddistingwi lanqas bejn impjegati nisa f'xi gradi u mhux f'oħrajn. F'qagħda bħal din, kien jaqa' fuq BOV li juri x'kienet ir-raġuni għaliex mexa mar-rikorrenti mod ieħor minn kif mexa mal-imsemmija impjegati li tħallew jibqgħu jaħdmu minkejja li huma wkoll iżżewġu, u kif wettaq id-diskrezzjoni li jagħmel dik l-għażla. Dan jingħad aktar u aktar meta wieħed jiftakar li r-raġuni li BOV ta lir-rikorrenti b'ċaħda tat-talba tagħha li titħalla tibqa' taħdem miegħu kienet sewwasew il-politika tal-Bank fir-rigward tan-nisa impjegati li jagħżlu li jiżżewġu;

Illi, bi tħaddim tal-prinċipji li ssemmew aktar qabel, il-Qorti ssib li f'dan ir-rigward l-ilment tar-rikorrenti li hija ġarrbet trattament diskriminatorju huwa mistħoqq;

Illi t-tielet taqsima tal-ilment ta' trattament diskriminatorju jdur massejħa ta' applikazzjonijiet fl-eżerċizzju ta' promozzjonijiet li nżamm f'Lulju tal-1993. Dan joħroġ mix-xhieda fl-ewwel affidavit li ressqet[67]. Jidher li dan sar b'rejazzjoni għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji f'Mejju tal-1995 dwar ilment li ressqitlu sewwasew minħabba dak l-eżerċizzju ta' promozzjonijiet. Fis-sewwa, ir-rikorrenti ressqet xi osservazzjonijiet dwar kif il-proċediment quddiem l-imsemmija Kummissjoni sarraf fi trattament diskriminatorju bi ħsara għaliha[68]. L-aktar li wieħed jista' jgħid hu li r-rikorrenti, f'din il-kawża, turi nuqqas ta' qbil mal-fehmiet u konklużjoni tal-Kummissjoni li ma sabitx li, fir-rifjut ta' BOV li jgħoddilha s-snin ta' qabel ma reġgħet daħlet

[65] Ara Nota 26 *supra*
[66] Ara xhieda ta' Isabelle Ferro u ta' Marcelline Camilleri Bowman f'paġġ. 546 – 7 u 605 tal-proċess
[67] Paġ. 55 tal-proċess
[68] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 1077 – 1080 tal-proċess

taħdem miegħu fl-1992, kien seħħ xi trattament diskriminatorju. Din il-Qorti diġà qieset li l-Kummissjoni jew il-mod kif imxiet mhux qegħdin taħt stħarriġ f'din il-kawża għaliex la hija parti u lanqas iwieġeb għaliha xi wieħed mill-intimati f'din il-kawża. Minbarra dan, in-nuqqas ta' qbil mal-kostatazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni ma jissarfux fi prova tal-ebda għamla;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx li l-ilment ta' trattament diskriminatorju taħt din it-taqsima jinsab ippruvat;

Illi r-raba' u l-aħħar taqsima tal-ilment tirrigwarda l-vittimizzazzjoni li r-rikorrenti tgħid li ġarrbet fuq medda ta' żmien kemm damet f'impieg ma' BOV. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tressaq sensiela ta' ġrajjiet li għaddiet minnhom li tgħid li kienu diskriminatorji bi ħsara għaliha. Uħud mill-imsemmija ġrajjiet seħħew wara April tal-1987 u għalhekk, li kieku kien il-każ, il-Qorti setgħet titstħarriġhom ukoll taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

Illi għalkemm il-vittimizzazzjoni bosta drabi ġġib magħha mġiba li tqarrab lejn it-trattament diskriminatorju, il-liġi (partikolarment dik dwar l-impieg) tiddistingwihom u tagħraf id-differenzi ta' bejniethom. Hekk, id-diskriminazzjoni tieħu qies ta' parametri u għemejjel partikolari marbuta mal-impieg[69], filwaqt li b'vittimizzazzjoni wieħed iqis ir-rejazzjoni jew ir-riperkussjonijiet li persuna ġġarrab minħabba li tkun tat jew għaddiet tagħrif lil xi awtorità dwar reat jew abbużi mwettqa minn superjuri tagħha jew persuni oħrajn fuq il-post tax-xogħol ("*whistleblowing*")[70]. Billi l-episodji kważi kollha ta' vittimizzazzjoni li ssemmi r-rikorrenti jduru madwar l-imġiba u t-trattament li hija tgħid li kellha toqgħod għalih fuq il-post tax-xogħol, ma joħorġux l-elementi meħtieġa biex wieħed iqishom taħt il-kappa ta' ksur ta' jedd li ma tingħatax trattament diskriminatorju kif mifhum kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni. Il-Qorti sejra tqishom meta tistħarreġ l-ilment tar-rikorrenti li ġarrbet ksur tal-jedd tagħha li ma tkunx suġġetta għal trattament degradanti jew inuman;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li lanqas f'dan ir-rigward ma ntwera li r-rikorrenti ġarrbet ksur tal-jedd tagħha taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha l-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ġarrbet ksur tal-jedd tagħha li ma tingħatax trattament diskriminatorju kif imħares fl-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni taħt "it-tieni saff ta' diskriminazzjoni" kif imsemmi hawn fuq, imma mhux fir-rigward tal-bqija;

[69] Ara art. 26 tal-Kap 452
[70] Ara art. 28 tal-Kap 452 u art. 2(1) tal-Att VIII tal-2013 dwar il-Protezzjoni tal-Informatur (Kap 527)

Illi l-Qorti sejra tqis issa **l-ilment tar-rikorrenti dwar ksur tal-jedd tagħha għal ħarsien minn privazzjoni ta' proprjetà u għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti**. Dan jifforma l-mertu tar-raba' talba tar-rikorrenti. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti ssemmi t-telf ta' dħul kemm damet barra mill-impieg ma' BOV wara li żżewġet u telf ta' dħul minħabba nuqqas ta' għoti ta' promozzjonijiet. Ir-rikorrenti ssejjes dan l-ilment kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq dawk tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi r-rikorrenti tgħid li ladarba ma tħallietx tibqa' fl-impieg meta żżewġet, id-dħul li tilfet kemm damet barra sa ma reġgħet iddaħħlet fl-impieg jikkostitwixxi ksur tal-jedd tagħha għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġha. Minbarra dan, tgħid li l-fatt li nqabżet bosta drabi mill-għoti ta' promozzjonijiet ukoll wassal biex, fl-aħħar mill-aħħar, ġabilha telf ta' dħul u riperkussjonijiet b'dak li ssejħilhom "*cascading effect*". B'mod partikolari, ir-rikorrenti tfisser li l-pretensjoni tagħha dwar din ir-raba' talba tintrabat flimkien mal-ksur tal-jedd tagħha li ma tingħatax trattament diskriminatorju u titnissel mill-fatt tal-ksur fil-kontinwità tal-impieg tagħha. Hija tisħaq li l-paga li hija kienet tirċievi wara li reġgħet daħlet taħdem ma' BOV kienet milquta bid-deċiżjoni tal-istess Bank li ma jħallihiex tibqa' taħdem miegħu meta żżewġet u bil-fatt li l-istess Bank ma tax każ tas-snin li ma kinitx baqgħet fl-impieg sa ma reġgħet daħlet. Tgħid ukoll li, ukoll wara li daħlet, baqgħet tintlaqat minn din iċ-ċirkostanza fid-drabi li nqabżet mill-għoti ta' promozzjonijiet. Filwaqt li tisħaq li s-salarju ta' impjegat huwa possediment għall-għanijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, hija tindika[71] lista ta' konsegwenzi li tgħid li batiet sewwasew minħabba l-qtugħ tas-servizz għal għadd ta' snin[72];

Illi għal dan l-ilment, il-Bank intimat jilqa' billi jgħid li r-rikorrenti ma ġarrbet l-ebda ksur ta' xi jedd għall-ġid jew għat-tgawdija tal-possedimenti tagħha, la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni. Iżid jgħid ukoll li "l-Konvenzjoni ma tipproteġix jedd li, skond il-liġi ċivili ma jeżistix jew ma jeżistix aktar"[73] u ma tagħti l-ebda jedd li wieħed ikollu ġid jew pussess imma biss li tħares tali ġid jew pussess jekk dan ikun magħruf mil-liġi ċivili. B'mod partikolari, BOV jisħaq li r-rikorrenti ma tistax fis-sewwa tippretendi ksur ta' jedd tagħha meta l-qtugħ fis-servizz tagħha minn mal-Bank dam is-snin u meta f'dak iż-żmien ir-rabta kuntrattwali bejnha u BOV kienet inqatgħet u meta, matul l-istess żmien, l-istess rikorrenti għażlet li ma taċċettax l-offerti tal-Bank li tagħżel li terġa' tidħol taħdem miegħu;

[71] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 1050 tal-proċess
[72] *Ibid* f'paġ. 1052 tal-proċess
[73] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 1131 tal-proċess

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat jgħid li f'din il-pretensjoni, ir-rikorrenti ma tattribwilu l-ebda ħtija u għalhekk ma jidhirx li qiegħda tixlih ukoll bi ksur ta' dan il-jedd. F'kull każ, jinsisti li ċ-ċirkostanzi li fuqhom ir-rikorrent tibni din it-talba tagħha jmorru lura għal żmien qabel l-1987 u għalhekk ma setgħetx titressaq azzjoni dwarhom;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li, fil-parti rilevanti tiegħu għal dan il-każ, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jgħid:

*"(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –*

*(a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;*

*(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u*

*(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta. ...."*;

Illi meta wieħed iħares lejn dak l-artikolu, għandu jkun ċar li r-raba' talba attriċi tinbena fuq dħul ("*income*") li ma sarx u mhux fuq teħid forzat ta' dħul li r-rikorrenti kienet diġà ħadet. Huwa miżmum[74] li taħt l-artikolu 37 "*what is gauranteed is the right to compensation rather than the right to property per se*". Il-Qorti tinnota li, fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħha, ir-rikorrenti lanqas biss reġgħet semmiet kif dak li ġara wassal għal ksur tal-jedd tagħha taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u baqgħet kostantement torbot mal-jedd tagħha kif imħares taħt il-Konvenzjoni. Il-Qorti ma tarax għalfejn għandha ttawwal fuq din il-ħaġa meta, mqar mad-daqqa t'għajn, mill-mod kif inhi mfassla r-raba' talba, ma jirriżulta l-ebda ksur tal-jedd imħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

Illi għalhekk, safejn it-talba attriċi trid li jinsab ksur tal-jedd imħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, din m'hijiex mistħoqqa;

Illi r-rikorrenti tibni r-raba' talba tagħha wkoll fuq l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni marbut mal-artikolu 14. L-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

---

[74] Ara T. Borġ *op. cit.* paġ. 104

"*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

"*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni*";

Illi fit-tifsira w l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati dwar l-imsemmija dispożizzjoni bħala parti mil-liġi tagħna, ingħad li din testendi biex tħares it-tgawdija ħielsa mill-persuna dwar ħwejjiġha (il-possedimenti tagħha);

Illi bħalma bosta drabi ngħad, l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli: L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunità u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għemil tal-Istat. Dwar it-tifsir xierqa ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna taw bosta drabi[75] l-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra;

Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-artikolu 1 huma msenslin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin[76]. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi. Dan ukoll jgħodd fejn l-Istat ma jiħux ġid f'idejh imma, ukoll f'każ fejn jgħaddi liġijiet maħsuba biex jirregolaw l-użu u t-tgawdija ta' ġid bħal dak;

[75] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[76] Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) § 61

Illi ma hemm l-ebda dubju li t-tifsira mogħtija lill-kelma "possedimenti" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija waħda wiesgħa u żgur tmur lil hinn mit-tifsira ta' sempliċi proprjetà. Kemm hu hekk "*The English language text uses the word 'possession' to describe the protected interest but any suggestions that it should be read narrowly is refuted by the word 'biens' in the French text which indicates that a wide range of proprietorial interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporal and incorporeal interests, such as company shares and intellectual property. A cause of action that has unconditionally vested may qualify as an 'asset' constituting a 'possession'. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions. The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest. Expectations do not generally have the degree of concreteness to bring them within the idea of 'possessions', although 'legitimate expectations' may be relevant in establishing that there are rights to be protected by Article 1 of the First Protocol*"[77];

Illi għandu jingħad li, safejn ir-raba' talba attriċi tissejjes fuq dan l-artikolu tal-Konvenzjoni marbut mal-artikolu 14, jgħoddu hawnhekk ukoll il-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel dwar is-siwi *ratione temporis* ta' azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali mnedija taħt l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti mhux se terġa' toqgħod tirrepetihom hawnhekk ukoll. Imma, b'rabta ma' dan, tirrileva li ladarba r-rikorrenti torbot il-pretensjoni tagħha mat-temm tal-impieg tagħha fl-1979 u ċ-ċaħda ta' BOV li jħalliha tibqa' taħdem miegħu, l-azzjoni tagħha taħt dan l-artikolu ma jmisshiex titqies minn din il-Qorti minħabba dak li jgħid l-artikolu 7 tal-Kapitolu 319. Il-Qorti tilqa' l-argument ta' BOV fis-sens li, bil-fatt li r-rikorrenti rriżenjat mill-impieg, dan kien "att instantanju u mhux wieħed kontinwat" u għalhekk, jekk seħħ xi ksur f'xi jedd fundamentali tar-rikorrenti, dan ġara dakinhar. Kif ingħad, wieħed irid jagħraf bejn il-vjolazzjoni u l-kontinwazzjoni tal-ksur u l-effetti ta' ksur bħal dak: jekk ksur ta' jedd li seħħ qabel April tal-1987 ma jibqax iseħħ, l-effetti ta' dak il-ksur sa żmien wara dik id-data ma jiswewx biex l-azzjoni tista' titressaq *ratione temporis*[78];

Illi f'dan ir-rigward, l-argumenti mressqa mir-rikorrenti dwar l-effetti mtennija ("*cascading effect*") ma jiswewx biex itennu vjolazzjoni li kienet seħħet żmien qabel u ntemmet malli seħħet;

Illi, minbarra dan, il-Qorti ssibha diffiċli taċċetta l-ilment tar-rikorrenti dwar l-effetti ħżiena li ġarrbet kemm damet barra mill-impieg ma' BOV meta ħareġ ċar li kienet għażla tagħha li, mill-1981 sal-1989, għażlet li għar-raġunijiet tagħha ma tilqax l-istediniet li għamlilha BOV biex terġa' tidħol fl-

---

[77] Harris, O'Boyle, Bates & Buckley, Law of the European Convention, (2nd Edit), paġġ. 656 – 8
[78] Kost. **30.10.2015** fil-kawża ***John Formosa vs It-Tabib Prinċipali tal-Gvern et*** §§ 37, 39

impieg. Il-Qorti ma tarax kif, f'ċirkostanza bħal din, ir-rikorrenti għandha xi jedd li tistenna li BOV messu ħa qies ukoll ta' dak iż-żmien daqslikieku hija kienet fl-impieg miegħu xorta waħda. Dwar l-aspett tal-ilment tal-komputazzjoni tas-snin li hija kienet tat qabel ma żżewġet, il-Qorti diġà tat il-fehmiet tagħha meta kienet qiegħda tqis l-ilment dwar trattament diskriminatorju;

Illi safejn ir-raba' talba tintrabat ma' nuqqas ta' għoti ta' promozzjonijiet, dan ukoll jinbena fuq iċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq, safejn jirrigwarda l-anzjanità biss. Il-Qorti ma jidhrilhiex li l-kriterji l-oħrajn li setgħu tħaddmu minn BOV fl-eżerċizzji ta' promozzjonijiet fejn ir-rikorrenti ma ngħatatx promozzjoni ma jaqgħu bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni fil-qafas ta' ksur ta' jedd għat-tgawdija tal-possedimenti, imma, kif sewwa jisħaq BOV, f'aspetti amministrattivi li r-rikorrenti kellha rimedji amministrattivi u fil-fatt inqdiet bihom fejn dehrilha;

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Qorti ssib li l-ilment li r-rikorrenti ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għall-ħarsien minn teħid arbitrarju ta' proprjetà jew għat-tgawdija ta' possedimenti ma jirriżultax mistħoqq u għalhekk mhux se jintlaqa';

Illi għar-rigward tal-ilment tar-rikorrenti li hija **ġarrbet ksur tal-jedd li ma tkunx suġġetta għal trattament inuman jew degradanti**, hawnhekk ukoll ir-rikorrenti ssejsu fuq il-fatt li bosta drabi nqabżet fl-għoti ta' promozzjonijiet u f'għemejjel ta' vittimizzazzjoni li ġarrbet matul is-snin li damet taħdem ma' BOV. Dan l-ilment jikkostitwixxi l-ħames talba attriċi. F'dan il-każ ukoll, hija tgħid li ġarrbet dan il-ksur kemm taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

Illi fil-qafas ta' dan l-ilment, ir-rikorrenti tgħid li għaddiet minn tbatija psikoloġika mtennija li wasslitha saħansitra biex ikollha tagħmel żmien ma tidħolx għax-xogħol b'*leave* tal-mard għal aktar minn sena bejn l-1997 sa Ottubru tal-1998, issemmi wkoll esperjenzi ta' tbatija minn imġiba jew atteġġamenti lejha min-naħa ta' superjuri tagħha, u mill-evalwazzjonijiet arbitrarji u inġustifikati dwar il-ħiliet tagħha u l-eliġibilità tagħha għal promozzjoni li żammewha, tista' tgħid, fl-istess kariga għaż-żmien kollu li damet taħdem ma' BOV sa ftit żmien qabel ma rtirat;

Illi BOV jilqa' għal dan l-ilment billi jiċħad li qatt ta jew issuġġetta lir-rikorrenti jew lil xi impjegat ieħor tiegħu trattament inuman jew li jbaxxi 'l dak li jkun. Seħaq li l-ilmenti li r-rikorrenti qiegħda tressaq taħt din it-talba kienu sewwasew l-istess ilmenti li hija riedet iżżomm riżerva dwarhom meta ġiet biex tinqeda bl-iskema ta' rtirar mill-impieg qabel iż-żmien ("*early retirement*"). Itenni li, biex ir-rikorrenti ħadet il-benefiċċji ta' dik l-iskema, irrinunzjat bla

kundizzjoni u għas-saldu għal dawk l-ilmenti u mhux sewwa li issa terġa' tqajjimhom bl-iskuża ta' azzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali. Iżid jgħid li, għalkemm ir-rikorrenti għadha tisħaq li dak il-ftehim sar taħt pressjoni, ir-rikorrenti mhux biss qatt ma attakkatu, iżda baqgħet sal-aħħar tgawdi l-benefiċċji u d-dħul kollu marbut miegħu sa ma laħqet l-età għall-pensjoni. Dwar l-episodji l-oħrajn, BOV jgħid li l-eżerċizzji tal-promozzjoni dejjem kienu suġġetti għal proċess ta' reviżjoni minn kull min kien iħoss li ma ngħatax trattament xieraq, filwaqt li jirrimarka li l-bosta episodji l-oħrajn li jirrigwardaw superjuri tagħha jew jirreferu għal persuni li mietu qabel ma nfetħet din il-kawża jew, f'każ fejn għadhom ħajjin, ma tressqux mir-rikorrenti biex iwieġbu għal għemilhom;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat jgħid li hawnhekk ukoll il-fatti li jsejsu din il-ħames talba attriċi ma jolqtu lilu bl-ebda mod u ma għandux iwieġeb għalihom;

Illi l-Qorti se tqis dan l-ilment tar-rikorrenti kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni;

Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jgħid li "*(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwestjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabilita. ...*". Min-naħa l-oħra, l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jgħid li "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*";

Illi bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "*treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly humiliated in all the circumstances of the case.*"[79] Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman[80], liema trattament "*covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*"[81];

Illi mġiba li twassal lil persuna biex tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda jew kontra l-kuxjenza tagħha tista' wkoll titqies bħala trattament degradanti. F'xi każijiet tqies li, flimkien ma' dawn il-kriterji, jkun irid jintwera wkoll li min ikun

---

[79] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention of Human Rights, paġġ. 80 - 1
[80] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[81] K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit., 2008) §IIB – 416, paġ. 575

wettaq l-egħmil degradanti jkun għamel dan bil-fehma jew l-intenzjoni li jżeblaħ, iċekken jew jumilja 'l vittma, imma jidher li jkun iżjed għaqli li wieħed iqis it-trattament li jkun ingħata fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-persuna li tkun għaddiet minn dak it-trattament u tal-każ li fih ikun iġġarrab[82], għalkemm ma tiddependix lanqas għal kollox fuq dak li suġġettivament tħoss il-persuna mġarrba[83];

Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati[84], jeħtieġ ċertu grad ta' gravità"[85], li mingħajru ma jkunx jista' jingħad li seħħ ksur ta' dak il-jedd[86]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[87];

Illi b'żieda ma' dan, huwa miżmum ukoll li minħabba li 'trattament degradanti u inuman' huma konċetti astratti, biex tassew jista' jingħad li seħħew iridu "jikkonkretiżżaw neċessarjament f'xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta' ċerta gravità[88] li jitkejlu fuq l-effett li tali trattament ħalla fuq il-persuna li kienet suġġetta għalih[89]. Minbarra dan, jista' jkun il-każ li l-qies dwar jekk imġiba partikolari tkunx waħda li ġġibx ksur tal-imsemmi jedd irid ikun "*judged by the circumstances of the case and the prevalent views of the time .. .. It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations and feelings*"[90];

Illi għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova ta' ksur tal-artikolu 3, jidher li jaqa' fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju raġonevoli li tabilħaqq ikun seħħ ksur ta' l-imsemmi artikolu[91]. Irid jingħad li din mhijiex fehma li magħha jaqbel kulħadd[92]. Iżda "*such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. The conduct of the parties when evidence is being obtained has to be taken into account*"[93];

---

[82] Kost. **6.12.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.239**)
[83] P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et*** (konfermata fil-Qorti Kostituzzjonali fit-**12.2.2008**)
[84] F'dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni
[85] Kost. **20.7.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et*** (Deċ. Kost. II, Għ.S.L., paġ. 549)
[86] Q.E.D.B. **6.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Lecomte vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 80442/12) §§ 91 – 2
[87] Kost. **18.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Attard noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.185)**
[88] Kost. **8.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonello vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol; **LXXXV.i.1**)
[89] Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[90] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 7.3, f'paġġ.412 u 415
[91] Q.E.D.B. **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anguelova vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 38361/97) § 111
[92] Ara M. Schiavone (Ed.) When Judges Dissent (2008), f'paġġ. 241 – 3
[93] Q.E.D.B. **12.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Shamaiev et vs Ġorġja u Russja*** (Applik. Nru. 36378/02) § 338

Illi l-qies ta' jekk trattament jaqax fil-parametri tal-artikolu 3 irid isir b'riferenza għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li jkun fil-qafas tiegħu, magħduda l-mod ta' kif jingħata, it-tul tiegħu, l-effetti fiżiċi u morali li jħallu fuq il-persuna hekk trattata, u ċirkostanzi oħrajn bħas-sess, l-età u s-saħħa tal-vittma. Trattament jitqies bħala inuman meta tal-anqas iġib fuq il-vittma tbatija fiżika jew psikika "intensa" mqar jekk mhux akkompanjata bi ġrieħi li jidhru fuq il-ġisem, u jekk "iqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorità li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu"[94]. L-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti dwar jekk it-trattament mogħti jiksirx l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni (jew l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni) huwa marbut maż-żmien li l-każ ikun qiegħed quddiemha biex tqis l-ilment[95];

Illi l-Qorti ta' Strasbourg semmiet u senslet ukoll prinċipji dwar il-qies ta' trattament inuman jew degradanti jew ta' tortura f'kawżi li tressqu quddiemha kontra Malta, kemm fejn jolqtu l-kundizzjonijiet ta' persuni miżmuma f'faċilità korrettiva[96] u kif ukoll fil-każ ta' immigranti jew rifuġjati matul iż-żamma tagħhom f'Malta[97]. Sal-lum[98], il-Qorti ma sabitx riferenzi ta' każijiet ta' trattament inuman jew degradanti fejn jidħlu l-kundizzjonijiet li wieħed jintalab jaħdem taħthom bħala impjegat li, x'aktarx, iqajmu kwestjonijiet ta' ksur ta' jedd ieħor maħsub taħt il-Konvenzjoni, imma mhux dak li fuqhom tistrieħ ir-rikorrenti f'din il-kawża;

Illi l-Qorti fliet sewwa l-ilmenti tar-rikorrenti taħt din it-talba u ssib li, meqjusin mal-prinċipji li għadhom kemm issemmew, ma jwasslux għall-konvinzjoni li BOV issoġġetta lir-rikorrenti għal trattament inuman u lanqas degradanti. Safejn l-episodji msemmija jirreferu għall-imġiba lejha ta' superjuri tagħha, il-Qorti ma tarax kif dan irid iwieġeb għalih BOV jekk, meta seħħew, ir-rikorrenti għażlet li ma tinqediex bl-istrutturi nfushom tal-Bank biex tqajjem ilmenti f'waqthom. Ir-raġuni li tat lil din il-Qorti hi u tixhed – li qatt ma ħadet passi għax ma riditx tagħmel ħsara lil ħaddieħor – ma humiex raġunijiet tajba biżżejjed biex juru li hija ġarrbet trattament degradanti li ma kienx iżommha milli tieħu jew tal-anqas titlob rimedju. Daqstant ieħor, fejn episodji msemmija mir-rikorrenti seħħew lil hinn mill-ambitu tax-xogħol u saħansitra 'l barra mill-kontroll tal-Bank, ma jinftiehemx kif BOV jista' qatt jinżamm responsabbli għal tali mġiba;

[94] Kost. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Ħabs et***
[95] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Dilek Sahan et vs Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et***
[96] Q.E.D.B. **29.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Story et vs Malta*** (Applik. Nru. 56854/13) §§ 104 – 6, 115, 119 – 121 u 126
[97] Q.E.D.B. **26.11.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Mahamed Jama vs Malta*** (Applik. Nru. 10290/13) §§ 26 – 9 u Q.E.D.B. **12.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Moxamed Ismaaciil et vs Malta*** (Applik. Nru. 52160/13) §§ 78 – 83
[98] Fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Vella vs Joseph Bannister noe et*** maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fis-**7.3.1994** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) il-kwestjoni dwar it-trattament degradanti u inuman fuq il-post tax-xogħol ma kenitx indirizzata

Illi taqra kemm taqra x-xhieda, il-Qorti ma tista qatt tidħol fil-libsa ta' min ikun qiegħed ibati – kemm fiżikament u kif ukoll psikoloġikament – jew li tifhem għal kollox x'ikun qed iġarrab. Iżda li ħaddiem ma jkunx kuntent bil-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu jew li jara l-kuntrarju ma hijiex raġuni tajba waħedha biex b'hekk wieħed jasal għall-fehma li dak li jkun qiegħed jingħata trattament inuman jew li jbaxxih;

Illi l-Qorti m'hijiex għalhekk se toqgħod iddur l-episodji kollha msemmija għaliex ma ssibx li, safejn jidħol BOV, kien ingħata lir-rikorrenti trattament leżiv ta' xi jedd tagħha li ma tingħatax trattament inuman jew degradanti. Il-Qorti ssib li l-ħames talba mhix mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Illi dwar l-**ewwel talba attriċi** l-Qorti tqis li din hija waħda ġenerika li se tkun qiegħda tipprovdi dwarha meta tqis is-sitt talba attriċi;

Illi għal dak li jirrigwarda s-**sitt talba attriċi**, il-Qorti tqis li għall-ksur tal-jedd tagħha li ma ġġarrabx trattament diskriminatorju, ir-rikorrenti għandha tingħata rimedju xieraq. Ladarba l-Qorti ma sabitx ksur u la taħt ir-raba' talba u lanqas taħt il-ħames talba, u ladarba s-sejbien limitat favur ir-rikorrent ta' ksur taħt it-tieni u t-tielet talbiet attriċi seta' jitqies biss taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, ma jistax jingħata l-kumpens materjali li r-rikorrenti pprospettat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha. Meta l-Qorti tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, magħdudin fosthom imma mhux biss il-fatt li mhux qiegħed jinstab ksur tal-jedd għat-tgawdija tal-possediment, hija tasal għall-fehma li dikjarazzjoni waħedha ta' ksur m'hijiex rimedju xieraq u għalhekk, bi tqabbil ma' deċiżjonijiet oħrajn li sabu ksur bħal dan, qiegħda tillikwida kumpens ta' tlitt elef euro (€3,000) bħala danni morali lir-rikorrenti;

Illi fl-aħħarnett, il-Qorti fadlilha tqis **l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari** tal-intimat Avukat tal-Istat. Fil-qosor, bl-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet l-intimat jgħid li ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti u għalhekk ma jwiġibx la għall-allegazzjonijiet u lanqas għall-pretensjonijiet tagħha; bit-tieni waħda (li jidher li tintrabat ma' ta' qabilha) jgħid li ma huwiex edott minn dak li seta' seħħ lir-rikorrenti kemm damet fl-impieg ma' BOV. Jisħaq[99], b'mod partikolari, li minn kif inhuma mfassla t-tieni, t-tielet u l-ħames talbiet attriċi, dawn jeskludu awtomatikament l-leġittimità passiva tiegħu dwar l-azzjoni attriċi;

Illi għal dawn l-eċċezzjonijiet, ir-rikorrenti laqgħet[100] billi qalet li BOV fassal il-politika tiegħu dwar il-kundizzjonijiet tal-impieg tagħha (u ta'

[99] Nota ta' sottomissjonijiet f'paġġ. 1105 – 1110 tal-proċess
[100] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 1044 – 8 tal-proċess

impjegati kollha tiegħu) fuq il-politika soċjali tal-Gvern matul iż-żmien, b'dan li għal dik il-politika jrid iwieġeb l-imsemmi intimat flimkien ma' BOV. Hija tgħid li r-rabta ġuridika bejnha u l-intimat inħalqet meta kienet imġiegħlha tirriżenja u meta BOV ma laqax it-talba tagħha li jħalliha tibqa' fl-impieg miegħu, sewwasew għaliex kien qiegħed jimplimenta politika soċjali dettata mill-Gvern tal-ġurnata. Twarrab ukoll it-tieni eċċezzjoni preliminari billi tgħid li ma jistax ikun li l-Avukat tal-Istat jitwemmen meta jgħid li ma kienx jaf minn xiex għaddejja r-rikorrenti meta BOV kien Bank li fih il-Gvern kellu l-biċċa l-kbira tal-ishma u kien kontrollat mill-Gvern fil-ġrajjiet li "jikkostitwixxu vjolazzjonijiet" fl-1973 u fl-1979. Ressqet ukoll kummenti dwar l-ewwel eċċezzjoni fil-mertu;

Illi ilu bosta snin jingħad li l-kwistjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejaltà u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għemil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[101]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

Illi fid-dawl tal-fatti li joħorġu mill-atti u l-kunsiderazzjonijiet magħmulin f'din is-sentenza dwar ir-rispettivi lmenti tar-rikorrenti fil-mertu, din il-Qorti ssib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari hija mistħoqqa u li l-intimat Avukat tal-Istat m'għandux iwieġeb għall-pretensjonijiet attriċi. Għall-pretensjonijiet attriċi jwieġeb BOV u ladarba ma tressqet l-ebda talba biex il-Qorti tagħti deċiżjoni dwar is-siwi ta' xi liġi fis-seħħ[102], l-intimat Avukat tal-Istat ma għandu jipprovdi l-ebda rimedju għal dawk mill-ilmenti tar-rikorrenti li se jintlaqgħu;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra teħles lill-intimat Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[101] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[102] Ara Kost. **1.10.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Spiteri vs L-Avukat Ġenerali et***; u Kost. **27.2.2023** fil-kawża fl-ismijiet ***Partit Nazzjonalista vs Awtorità tax-Xandir et***

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimat Avukat tal-Istat u ssib li ma huwiex il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni u tal-pretensjonijiet attriċi u qiegħda b'hekk teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għar-rikorrenti;

**Tilqa' f'parti t-tieni talba attriċi** billi ssib li r-rikorrenti ġarrbet ksur tal-jedd tagħha li ma tingħatax trattament diskriminatorju kif imħares bl-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni, u dan safejn, bħala impjegata mal-Bank intimat, hija kienet suġġetta għal kundizzjoni li ma kinitx tgħodd għal impjegati sħabha rġiel u safejn ingħatat trattament differenti minn uħud minn sħabha nisa, iżda **tiċħad dik it-talba fil-bqija** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tipprovdi dwar it-tielet talba** billi tilqagħha safejn intlaqgħet it-talba ta' qabilha;

**Tiċħad ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi** billi ma jirriżultawx mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

**Tipprovdi dwar l-ewwel u s-sitt talbiet attriċi** billi tillikwida l-kumpens għad-danni morali fl-ammont ta' tlitt elef euro (€3,000) minħabba l-ksur ta' jedd imġarrab;

**Tilqa' s-seba' talba attriċi** u **tordna** lill-Bank intimat iħallas lir-rikorrenti l-kumpens hekk likwidat flimkien mal-imgħax legali b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li, bi tħaddim tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-**ispejjeż tal-kawża** jinqasmu ndaqs bejn ir-rikorrenti u l-Bank intimat, b'dan illi r-rikorrenti tħallas l-ispejjeż tal-intimat Avukat tal-Istat, filwaqt li l-ispejjeż marbuta mas-sentenza preliminari tad-9 ta' Mejju, 2017, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**22 ta' Frar, 2024**